# Sehem l-Isla fir-Regatta

kitba tas-Sur Joseph Serracino

It-tradizzjoni tat-tiġrijiet tad-dgħajjes fil-portijiet tagħna hija marbuta storikament ma' l-Isla. Fil-fatt nafu b'żewġ tiġrijiet popolari li huma intimament marbutin ma' l-Isla u li t-tnejn ġew organizzati mill-barklori u s-sajjieda Sengleani.

Ħafna storiċi huma tal-fehma li l-ewwel tiġrija tad-dgħajjes li saret fil-portijiet tagħna kienet dik tal-Portu Salvu li taf il-bidu tagħha għall-ħabta ta' l-1630. Din it-tiġrija kienet issir fit-2 ta' Lulju, f'Jum il-festa tal-Viżitazzjoni ta' Marija Santissima wara nofs in-nhar, u kellha rabta kbira mal-knisja tal-Portu Salvu ta' l-Isla, magħrufa aktar fost is-Sengleani bħala l-knisja ta' San Filippu.



*Il-ferrilla famuża Sengleana 'Forti San Mikiel' bl-ekwipaġġ tagħha Salvu Formosa, Alexander Chircop, Pawlu Chircop u Karmenu Cachia wara t-tiġrija ta' l-1922.*

## *It-Tiġrija tal-Portu Salvu*

Il-korsa ta' din it-tiġrija kienet itwal minn dik tal-Vitorja u t-tluq tagħha kien isir mill-bokka tal-Port il-Kbir sal-Ponta ta' l-Isla. Il-prokuraturi ta' l-imsemmija knisja kienu jassistu għal din it-tiġrija qrib it-Torri d'Orsi (fejn illum hemm ir-Rikażli) u s-sinjal tat-tluq kien isir b'tir ta' masklu. Għal din it-tiġrija popolari, l-imħallfin u l-fizzjali tal-qorti kienu jmorru in forma l-Ponta ta' l-Isla biex minn hemm jaraw it-tiġrija u wara jqassmu l-palji tal-ħarir lir-rebbieħa ta' kull kategorija fost il-briju kbir tan-nies miġbura. Interessanti hu l-fatt, li din it-tiġrija kienet tiġbed ukoll l-attenzjoni tal-Gran Mastru li ta' kull sena kien jaqsam bil-gondla għall-Isla, u wara t-tiġrija kien jistieden lill-uffiċjali u lill-ministri tiegħu għar-riċeviment f'*Casa Maġistrale*.



*Għadd ġmielu ta' qaddiefa Sengleani flimkien ma' xi partitarji, miġburin flimkien f'ras it-taraġ tal-Ponta għar-ritratt, wara r-rebħa ta' erba' paljijiet ta' l-ewwel fl-1953.*

Meta f'nofs is-seklu 18 din it-tiġrija waqfet għal xi snin minħabba l-għadd kbir ta' bastimenti Maltin sorġuti fil-Port, xi wħud bdew jaħsbu li din it-tradizzjoni antika kienet se tispiċċa għal kollox, iżda meta reġgħet bdiet issir, in-nies tħeġġet mill-ġdid u f'qasir żmien reġgħet kisbet dik il-popolarità kbira li kienet tgawdi qabel fost in-nies tal-Port il-Kbir. Jingħad li din it-tiġrija ġiet fi tmiemha fl-aħħar snin tas-seklu 19.

Bosta mill-familji Sengleani li kienu joqogħdu fl-inħawi tal-Ponta u li kienu jiffrekwentaw il-knisja ta' San Filippu kienu onoraw dan it-titlu (Portu Salvu) billi waqqfu monument żgħir tal-ġebel b'kwadru bix-xbieha tal-Madonna tal-Portu Salvu taħt il-mina (Sully Port) li tagħti għal Triq is-Sirena u li minnha taqbad it-taraġ biex tinżel il-Ponta.

Jingħad li sa qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 - 1918) din ix-xbieha tal-Madonna dejjem kienet tkun imżejna bil-fjuri, u x-xemgħa qatt ma naqset minn quddiemha lejl u nhar. Skond ix-xjuħ tagħna, sat-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) f'jum il-festa tal-Portu Salvu,

din in-niċċa kienet għadha tiżżejjen bid-damask u madwarha kienu jqiegħdu l-qsari tal-fjuri.

Iżda l-akbar festi li jiftakru x-xjuħ tagħna jeħduna lura sa qabel il-Gwerra l-Kbira, meta n-niċċa u l-mina kienu jiżżejnu bid-damask, u l-pjazzetta f'ras Triq is-Sirena kienu jżejnuha bl-antinjoli, u filgħaxija kien isir il-ħruq tas-suffarelli u l-mixgħela tal-fjakkoli fuq is-swar tal-Gardjola u s-swar li jdawru dawn l-inħawi. Jiftakru wkoll li f'jum il-festa wara nofs in-nhar kienet issir il-Ġostra wara t-trunċieri u l-Arblu ta' Mejju l-Ponta, biex imbagħad filgħaxija, fuq artal imżejjen bil-fjuri għall-okkażjoni fil-pjazza ta' quddiem il-Ġnien tal-Gardjola, kienet tingħata l-Barka Sagramentali. Jingħad ukoll, li xi benefatturi kienu jġibu l-Banda ta' Indri biex tferraħ u tallegra lin-nies li kienet tattendi bi ħġarha.



*Wenzu Zarb, l-aqwa tmunier li qatt ħa sehem fit-Tiġrija tal-Vitorja, jidher sodisfatt bir-rebħa li kisbu l-benjamini tiegħu, Peppi Edwards u Leli Barbara fil-korsa tal-Frejgatini fl-1953.*

## *It-Tiġrija tal-Vitorja*

Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta kienu jsiru bosta tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Portijiet tagħna. Peress li ħafna minn dawn it-tiġrijiet kienu jsiru fuq bażi parrokkjali xi whud minnhom saru ftit drabi biss, waqt li oħrajn li kienu aktar popolari kellhom ħajja itwal. Fit-8 ta' Settembru 1822, il-ħabrieka Sengleani organizzaw għall-ewwel darba t-Tiġrija tal-Vitorja bħala parti mill-festi esterni tat-titular tagħhom. Mid-dehra din it-tiġrija kienet organizzata aħjar mit-tiġrijiet l-oħra, għaliex fiha, barra li setgħu jieħdu sehem dgħajjes minn lokalitajiet oħrajn tal-Port, barra l-palju tas-soltu, ir-rebbieħa kienu se jingħataw premju ta' flus ukoll.



*Il-qaddiefa Sengleani Leli Micallef, Charles Caruana, Lorry Caruana u George Caruana jippużaw għar-ritratt fuq id-dgħajsa 'Vitorja' wara s-suċċess tagħhom fl-1938.*

F'din it-tiġrija kienu jsiru erba' korsi, tal-Ferrilli (Dgħajjes tas-Sajd) b'erbat imqadef, Dgħajjes tal-Pass b'żewġt imqadef u b'erbat imqadef u tal-Kajjikki (tax-xogħol) b'erbat imqadef. Mal-qalba tas-seklu 20, bdiet issir il-korsa tad-Dgħajjes tal-Midalji li oriġinalment kienu Dgħajjes tal-Pass u bdew jissejħu hekk għaliex minflok premju ta' flus kienu jingħataw Midalji tal-fidda. Bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien ġew introdotti wkoll il-Kajjikki *Fancy* - Kajjikki ħfief b'erbat imqadef li ħadu post it-tqal.



*Id-dgħajsa ta' b'erbgħa Sengleana 'Vitorja' bl-ekwipaġġ tagħha, Leli Micallef, Lorry Caruana, Charles Caruana u George Caruana tidher ras imb'ras mad-dgħajsa tal-Birgu, hekk kif id-dgħajjes waslu f'nofs il-korsa fl-1938.*

M'hemmx l-iċken dubju li l-Isla dejjem ipparteċipat fit-żewġ tiġrijiet tad-dgħajjes bl-aħjar ekwipaġġi li kellha,

u li dejjem kienet fost il-protagonisti fejn jidħlu r-rebħ ta' paljijiet. Mal-qalba tas-seklu 20, l-Isla kienet qawwa kbira fil-korsi l-kbar. B'danakollu kienet tissemma l-aktar għall-korsi tal-Ferrilli u tal-Kajjikki *Fancy* fejn it-taqtiegħa għar-rebħ tal-palju fiż-żewġ kategoriji dejjem kienet ma' Marsamxett li f'dik l-epoka kien jiddomina kull Regatta.

L-Isla kienet avversarju aħrax ta' Bormla u l-Birgu fid-Dgħajjes tal-Midalji u f'ta' bl-Erbgħa - żewġ distretti magħrufin ħafna għall-ekwipaġġi ta' ħila li kellhom u avversarji kbar ta' Marsamxett f'dawn il-kategoriji.

Bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija, il-qaddiefa Sengleani rebħu xi paljijiet ta' l-ewwel iżda qatt ma rnexxielhom jiddominaw xi kategorija għal bosta snin bħalma għamlu l-Bormliżi u l-Vittoriosani.

Iżda r-rebħ tal-paljijiet fil-korsi tal-Ferrilli, Midalji u Kajjikki *Fancy* kienu ta' awgurju sabiħ biex is-Sengleani jkomplu jarmaw tajjeb l-opri tagħhom bl-aħjar ekwipaġġi li kellhom u jissieltu għal kull palju sa l-aħħar qadfa. Din id-determinazzjoni għenithom biex fl-1937 u fl-1938, l-aħħar żewġ edizzjonijiet ta' qabel il-Gwerra trebbaħhom il-korsa ta' bl-Erbgħa - korsa li kienu ilhom ma jirbħuha mill-1904.

Wara l-gwerra, id-distrett Senglean kien il-protagonist ewlieni ta' bosta edizzjonijiet. Mill-1951 sa l-1966, l-ekwipaġġi Sengleani rebħu 7 darbiet l-*Aggregate Shield* u waqfu *record* fil-korsa tad-Dgħajjes tal-Midalji ta' 7 rebħiet konsekuttivi (1951-1957). L-istess suċċess reġgħu kisbuh bejn l-1989 sa l-2002, meta matulhom il-qaddiefa Sengleani mhux biss iddominaw dawn it-tiġrijiet iżda rnexxielhom ukoll jirbħu disa' darbiet l-*Aggregate Shield,* u fl-1992 iwaqqfu rekord ġdid bir-rebħ tal-ħames paljijiet ta' l-ewwel.


**Friendly Bar**

**Sweetshop & Confectionery**

*(Prop. Karmenu Ellul)*

**106, Victory Street, Senglea**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd

**HASSU**

*Upholsterer Garage*

*(Prop. Walter Pace)*

22, 'St. Anthony Garage', Carmel Str., Fgura

Tel: 2167 2396 • Mobile: 9944 5156

**SEDE AZZJONI KATTOLIKA - SENGLEA**

***(Il-Barman Joe Schembri)***

*Jawgura l-Festa t-Tajba lis-Sengleani Kollha*

Il-Kumitat

tax-**SHAMROCKS Waterpolo Club**

jawguraw il-Festa t-Tajba lis-Sengleani kollha.